MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 552/2006

**Tanya Maidani**
**(ID 369267 M)**

**vs**

**AIC Anthony Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Gunju, 2006 fejn l-attrici qed titlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn lira (Lm200) rapprezentanti spejjes ghal tibjid ta` soqfa u hitan fil-fond 66 Savannah, Triq Is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar liema spejjes kellhom jigu nkorsi sabiex jirrimedjaw hsarat kawzati minn perkolazzjoni ta` ilma mill-fond sovrastanti proprjeta` tal-konvenut kif jirrizulta minn dokumenti esebiti mal-avviz immarkati Dok A u Dok B.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribli mit-12 ta` Jannar, 2006 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 9 ta` Jannar, 2007 fejn eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tieni lok li l-pretenzjonijiet kienu nfondati fattwalment u legalment b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina d-dokumenti esebiti mal-avviz.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut qed jecepixxi li l-azzjoni odjerna hija preskritta bid-dekors ta` sentejn minn meta giet ikkagunata l-allegata hsara. Illi mill-process jirrizulta li l-allegata hsara giet kawzata f'xi zmien qabel is-7 ta` Mejju, 2004 (vide Dok A a fol 2 tal-process) filwaqt li l-odjerna kawza giet ipprezentata fit-22 ta` Gunju, 2006, kwindi ta` lanqas sentejn u xahar wara. Illi da parti tal-attrici li rrimettiet ruhha ghal provi processwali ma gabet ebda prova dwar xi nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, it-Tribunal qieghed jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut billi jilqa` l-istess u kwindi jirrespingi t-talba attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------